A.L. 135 ta' l-1997

ATT DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (KAP. 292)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji Instantanji tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 u 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji Instantanji tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Lotteriji Instantanji tal-Gvern, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 179 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-15 ta' Diċembru, 1995.

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih fi tmiem il-paragrafu (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ill-proviso li ġej:

"Iżda ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-bilanċ nett għandu jiġi allokat biex iġib 'il quddiem u jsaħħaħ għanijiet ta' xorta sportiva hekk kif jista' jiġi ordnat mill-Ministru, wara li jikkonsulta ruħu mal-Bord Konsultattiv u mal-Ministru responsabbli għall-isport.".